**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Mohamed Mohamoud Omar**

Kumpilazzjoni numru: 466/2024

Illum 21 ta' Mejju 2025

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra:

**Mohamed Mohamoud Omar,** ta' tlieta u ghoxrin (23) sena, mwieled Mogadishu, Somalia fl-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena elfejn u wiehed (2021), iben Mohamoud u Suaad, u jirrisjedi fil-HOC, Hal-Far limiti ta' Birzebbugia, Malta u detentur tabn-numru tal-Pulizija 20H-065;

**Akkuzat** talli ghal habta tat-tmienja (8) ta' filghaxija (20:00), fit-tletin ta' Mejju tas-sena elfejn u erbgha u ghoxrin (2024) u/jew f'hinijiet qabel u/jew wara, fi Triq Hal-Far, Birzebbugia, Malta, fl-inhawi ta' Hal Far Tent Village (HTV) u/jew bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer Maltin:

1. Dolozament, iżda minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja ta' Adeel Adrees Miheedi, f'periklu car, ikkaġuna hsara fil-gisem jew fis-sahha tal-istess Adel Adrees Moheedi, liema hsara hija ta' natura gravi kif ċċertifikat minn Dr Rebecca Donk, detentrici tar-registrazzjoni n. 3482, liema hsara giet ikkawżata b'arma irregolari u dan ai termini tal-Artikolu 64, 214, 215, 216, 218 tal-Kodici Kriminali ta' Malta;

2. U talli fl-istess data, lok, hin u fl-istess ċirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku ai termini tal-Artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali ta' Malta;

3. U talli, fl-istess data, lok, hin u fl-istess ċirkostanzi, ikkommetta reat fiz-zmien operattiv tas-sentenza sospiża imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati fit-3 ta' Novembru tas-sena 2023, mill-Magistrat Dr Noel Bartolo LL.D., liema sentenza hija definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

4. U talli fl-istess data, lok, hin u fl-istess ċirkostanzi, irrenda ruhhu reċidiv ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u b'effett ta' sentenzi li huma definittivi u ma jistghux jiġu mibdula.

Il-Qorti giet ġentilment mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' ta' Adel Adrees Miheedi u/jew individwi ohra, u/jew ghaz-zamma tal-paci pubblika u sabiex tipproteġi lil Adel Adrees Miheedi u/jew individwi ohra bhala familjari minn fastidju u kondotta ohra li tikkawża biża li ser tintuża vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni a favur Adel Adrees Miheedi skond l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u f'kaz ta' htija, il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuni offiża u l-familja tieghu ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita skond il-ligi, fil-pronunzjament taghha jew f'ordnijiet sussegwenti, tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.[1]

Rat l-akkuzi mahruga bil-lingwa Ingliza kontra l-imputat:

"***Mohamed Mohamoud Omar,*** *aged twenty-three (23) years, born in Mogadishu, Somalia on the first (1) of January of the year two thousand and one (2001), son of Mohamoud and Suaad, and residing at HOC, Hal Far L/O B'Bugia and holder of police number 20H-065*

*Accused with having, at approximately 8 o'clock in the evening (20:00), on the thirtieth (30) of May of the year two thousand and twenty four (2024), and/or before or after such times in Triq Hal Far, Bizebbugia, Malta, near the areas of the Hal Far Tent Village (HTV) and/or in other locations within the Maltese Islands:*

1. *Maliciously, but without the intent to kill or put the life of Adel Adrees Miheedi in manifest jeopardy, caused bodily harm to the same Adel Adrees Miheedi, which harm is of a grievious nature as certified by Dr Rebecca Fonk bearer of registration n. 3482, which harm was caused with arms improper and this in terms of articles 64, 214, 215, 216, 218 of the Criminal Code of Malta;*

2. *And also with having, on the same date, place, time, and in the same circumstances, wilfully disturbed the public good order or the public peace in terms of Article 338(dd) of the Crimal Code of Malta;*

[1] Folio 15 tal-process.

3. *And also wih having on the same date, place and time and in the same circumstances committed an offence during the operative period of the suspended sentence imposed upon him by the Court of Magistrates on the 3rd of November of the year 2023 by Magistate Dr Noel Bartolo LL.D., which judgement is definitive and cannot be changed;*

4. *And also, with having on the same date, place and time and in the same circumstances rendered himself recidivist in terms of article 49 and 50 of Chapter 9 of the Laws of Malta, and this in terms of judgements which are definitive and cannot be changed.*

*The Court was also requested, for the purpose of providing for the safety of Adel Adrees Miheedi and/or other individuals, and/or for the keeping of the public peace or for the purpose of protecting Adel Adrees Miheedi and/or other individuals such as her family from harassment or other conduct which will cause a fear of violence, to issue a protection order in favour of Adel Adrees Miheedi and this in terms of Article 412C of the Criminal Code and in the case of the finding of guilt, the Court is being requested to provide for the security of the injured party, in accordance with Articles 328A, 383, 384 and 385 of Chapter 9 of the Laws of Malta.*

*The Court was also requested that, in the case of the finding of guilt, apart from applying the punishment in accordance with the Law, in pronouncing judgement or in any subsequent order, to apply the provisions of Article 533 of Chapter 9 of the Laws of Malta.*"[2]

Rat l-atti kollha.

[2] Folio 1 tal-process.

Semghet ix-xhieda.

Rat u qieset il-provi u dokumenti kollha prodotti.

Rat ukoll il-fedina penali tal-imputat prezentata in atti mill-prosekuzzjoni, Dok. MG2[3].

Rat li l-imputat fis-seduta tas-07 ta' Mejju 2025 irregistra ammissjoni.[4]

Rat li waqt is-seduta tas-07 ta' Mejju 2025 l-imputat rega' ikkonferma l-ammissjoni tiegh u wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontrih u dan wara li gie debitament imwissi skond il-ligi.[5]

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Semghet ix-xhieda.

Rat u qieset il-provi u dokumenti kollha prodotti.

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**
**Il-Fatti fil-Qosor.**

[3] Folio 9 tal-process.

[4] Folio 95 tal-process.

[5] Folio 95 u 96 tal-process.

Dan il-kaz jirrigwarda aggressjoni li saret mill-imputat fuq Adel Adrees Miheedi fl-inhawi tal-Villagg ta' Hal Far fit-30 ta' Mejju 2024. F'din l-aggressjoni l-imputat sofra griehi gravi.[6]

**Ikkunsidrat:**

L-Artikoli tal-ligi li jirrigwarda din il-vertenza u li huma citati fic-citazzjoni huma s-segwenti 214, 215, 216, 218, u 338(dd).

Fuq l-offiza volontarja fuq persuna l-ligi nostrana tipprovdi s-segwenti:

*Sub-titolu II*
*FUQ L-OFFIŻI VOLONTARJI FUQ IL-PERSUNA*

*214. Kull min, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, jikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħata' persuna oħra, jew iġibilha disordni f'moħħha, ikun ħati ta'offiża fuq il-persuna.*

*215. L-offiża fuq il-persuna tista' tkun gravi jew ħafifa.*

*216.(1) L-offiża fuq il-persuna hija gravi, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija minn sena sa seba' snin –(a) jekk tista' ġġib periklu –*
*(i) tal-ħajja; jew*
*(ii) ta' debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem; jew*
*(iii) ta' difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem; inkella*
*(iv) ta' marda permanenti tal-moħħ;*

[6] Folio 20 sa 25 tal-process.

*(b) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*
*(ċ) jekk tkun magħmula b'ferita li tidħol f'waħda mill-*kavitajiet *tal-ġisem, mingħajr ma ġġib l-ebda waħdamill-*konsegwenzi msemmijin *fl-artikolu 218;*
*(d) jekk iġġib marda tal-moħħ jew tal-ġisem li ddum għal tletin ġurnata jew iżjed, inkella, għal daqshekk żmien,iżżomm lill-offiż milli jmur għax-xogħol tiegħu;*
*(e) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iġġiegħelha teħles qabel iż-żmien.*

*(2) Jekk il-persuna offiża tfieq mingħajr ma kienet qatt matul il-marda, f'periklu attwali tal-ħajja jew tal-*konsegwenzi msemmijin *fis-subartikolu (1)(a), jitqies li l-offiża setgħat iġġib* dak il-periklu *fil-każ biss illi dan il-periklu kien probabbli minħabba n-*natura jew il-konsegwenzi naturali *tal-offiża.*

*217. L-offiża gravi hija punibbli bil-priġunerija minn sentejn sa għaxar snin jekk tiġi magħmula b'arma regulari, inkella bi strument li jaqta' jew iniggeż, inkella b'xi* sustanza jew likwidu li jesplodi *jew jaħraq jew li hu korrożiv:*
*Iżda meta r-*reat ikun sar b'xi sustanza jew likwidu li jesplodi *l-piena minima tkun priġunerija għal erba'* snin u d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation ma japplikawx

*218. (1) L-offiża gravi hija punibbli bil-priġunerija minn ħamsa sa għaxar snin*

*(a) jekk tikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-*funzjoni ta' xi parti *tal-ġisem, jew iġġib difett permanenti f'*parti *tal-għamla tal-ġisem, jew, marda permanenti tal-moħħ;*
*(b) jekk iġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*

*(ċ) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iġġibilha l-abort.*
*(2) Id-debbulizza fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' parti tal-ġisem, u l-marda tal-moħħ, l-isfreġju gravi jew id-difett jitqiesu permanenti wkoll jekk x'aktarx ikunu hekk.*

**Ikkunsidrat:**

In vista tal-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat fir-rigward tal-akkuzi kollha, il-Qorti tqis illi l-akkuzi fil-konfront tal-imputat jirrizultaw pruvati u l-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputat.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti tqis li ghandha tikkonsidra primarjament ir-rapport tal-espert mediku Dr. Mario Scerri a folio 52[7] tal-atti processwali.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi fis-seduta tas-07 ta' Mejju 2025, f'liema seduta l-Prosekuzzjoni kienet waslet biex taghlaq il-provi taghha,[8], l-imputat irregistra ammissjoni[9], liema ammissjoni huwa rega' ikkonferma wara li l-Qorti spjegatlu l-portata tal-akkużi migjuba kontra tieghu, il-konsegwenzi ta' tali ammissjoni, il-piena erogabbli ghall-istess akkuzi, liema ammissjoni l-imputat ukoll ikkonferma wara illi l-Qorti tat zmien ragonevoli lill-imputat sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu u wara li inghata l-hin mehtieg biex jikkonsulta dwar tali ammisjoni mal-avukat li qed jassistih.

---

[7] Jidher li c-cikatrici rizultanti mill-aggressjoni mhix daqshekk konspikwa "from within talking distance". Ara Folio 60 tal-process.

[8] Folio 95 tal-process.

[9] Folio 545 tal-process.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Wiehed irid ifakkar li kif inhu ben maghruf anke l-ammissjoni bikrija ma tintitolax lill-imputat ghal xi skont mill-piena b'mod awtomatiku.

Ara f'dan is-sens is-segwenti sentenzi decizi mill-Qorti tal-Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Emanuel Testa** ( App. Nru. 152/2002) deciza per Onorevoli Imhallef Vincent De Gaetano; **Il-Pulizija vs Christ Paul Camilleri** (App. Nru. 128/2018) per Onorevoli Imhallef Aaron Brugeja; **Il- Pulizija vs Costantino Felice et** (App. Nru. 210/2007) per Onorevoli Imhallef Joseph Galea Debono, **Il-Pulizija vs Angel Attard** (App. Nru. 148/2005) per Onorevoli Joseph Galea Debono, **Il-Pulizija vs Paul Calleja** (App. Krim. 307/2008) per S.T. Onorevoli Prim Imhallef Vincent De Gaetano.

Issa f'din il-kawza l-ammissjoni tal-imputat, ma kinitx ammissjoni bikrija izda ammissjoni fi stadju tardiv tal-proceduri f'liema l-Prosekuzzjoni kienet wasslet biex taghlaq l-istadju tal-provi taghha.

**Ikkunsidrat:**

Illi, in vista ta' dak kollu suespost, inkluz l-istess ammissjoni tal-imputat, il-Qorti qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Il-Qorti hadet ukoll nota li l-imputat ma ammettiex mal-ewwel ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghalhekk hela hafna hin tal-awtoritajiet koncernati. Il-Qorti tinnota ukoll li l-imputat ma ghandux fedina penali netta ghalkemm din tal-ahhar mhix wahda inkwetanti.

Il-Qorti hadet in kunsiderazzjoni wkoll illi l-imputat ikkommetta dan ir-reat fiz-zmien operattiv ta' sentenza sospiża imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza mill-Magistrat Dr. Noel Bartolo LL.D. fit-3 ta' Novembru tas-sena 2023, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 18, 49, 64, 214, 215, 216, 217, 218, u 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat **MOHAMED MOHAMOUD OMAR HATI** tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu u qed tikkundannah ghal sentejn u nofs prigunerija effettivi, kif ukoll tordna li tidhol fis-sehh il-piena ta' sena prigunerija imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza mill-Magistrat Dr. Noel Bartolo LL.D. fit-3 ta' Novembru tas-sena 2023, konsegwentament il-hati ghandu jiskonta perjodu ta' tlett snin u nofs prigunerija effettivi.

In oltre, ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tpoggi lill-imputat Mohamed Mohamoud Omar taht Ordni ta' Trazzin a favur tal-vittma Adel Adrees Miheedi ghal perjodu ta' tlett snin minn meta l-hati jiskonta s-sentenza tieghu.

Il-Qorti qeghda wkoll ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputat Mohamed Mohamoud Omar li jhallas lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali l-ispejjez tal-espert mahtur f'dawn il-proceduri fis-somma ta' tlett mija u tnax-il Ewro u hamsin centezmu (€312.50) u f'kaz li ma jkunx f'posizzjoni li jhallas l-istess dawn ghandhom jigu konvertiti fi granet ta' prigunerija skont il-ligi..[10]

[10] Folio 62 tal-process.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem car l-obbligi tieghu taht din is-sentenza u l-konsegwenzi jekk huwa ma jonorox l-istess u ma jottemporax ruhu ma' dak hawn fuq deciz.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tinghata immedjatament lill-partijiet u li din is-sentenza titpogga minnufih fuq is-sistema digitali tal-Agenzija tal-Qrati.

Moghtija illum 21 ta' Mejju 2025, fil-bini tal-Qorti, Malta.

Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.
Magistrat

Heidi Zammit
Deputat Registratur